PARLAMENT EWROPEW

EDIZZJONI SPEĊJALI

# KUNSILL EWROPEW
# 15 u 16 ta' Diċembru 2005
# Brussell

**DISKORS TAL-PRESIDENT, JOSEP BORRELL FONTELLES**
**KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA**



03/S-2005

***Direttorat Ġenerali għall-Presidenza***

MT MT

**(Intranet) http://www.europarl.ep.ec/bulletins (Special Edition 2005)**
**(Internet) http://www.europarl.eu.int/bulletins (Special Edition 2005)**

**\\EPADES\PUBLIC\SOMMET\2005**

## DISKORS TAL-PRESIDENT TAL-PARLAMENT EWROPEW LILL-KUNSILL EWROPEW FIS-15 U 16 TA' DIĊEMBRU , 2005

Nirringrazzjakom ta' l-istedina li għamiltuli biex għal darb'oħra nindirizza lill-Kunsill Ewropew.

Il-kuntest politiku preżenti ta' l-Unjoni huwa tali li hu importanti ħafna aktar minn qatt qabel li jintlaħaq ftehim dwar il-perspettiva finanzjarja li jmiss.

Madanakollu minix se naħli l-ħin prezzjuż tagħkom biex ninsisti fuq affarijiet li diġà intom aktar minn konxji tagħhom.

Nippreferi li nibda billi nfarkkarkom li ftehim fil-Kunsill hu meħtieġ iżda waħdu dan mhux se jkun biżżejjed. Il-ftehima bejn it-tliet istituzzjonijiet ta' l-UE - il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament - għandha bżonn li tkun żgurata.

Forsi xi wħud minnkom jippreferu li dan ma jkunx il-każ, jew tistgħu temmnu li l-Parlament finalment se jċedi għal pressjoni tal-gvernijiet u joffri lill-Kunsill ċekk inbjank.

Ikun żball li intom iġġibu ruħkom b'dan il-mod.

Il-Parlament verament jixtieq li l-Kunsill jilħaq ftehim. Madakollu dan irid ikun wieħed aċċettabbli għall-Parlament, għax inkella ftit li xejn ikollu użu.

Il-Parlament se jiġġudika l-ftehim tagħkom skond kemm dan imur 'il bogħod mill-proposta tagħna.

Intom diġà intom familjari mal-proposta tagħna, li kienet ippreżentata lill-Presidenza tal-Kunsill f'Ġunju u ma naħsibx li għandi għalfejn infakkarkom dwarha.

Madanakollu, nista' nagħmilhielkom ċara mill-bidunett li l-proposta preżentata lill- Presidenza tal-Kunsill ma għandha l-ebda ċans li tiġi aċċettata mill-Parlament.

Iċ-'chairmen' tal-grupp politiku ħadu deċiżjoni unanima biex jirrifjutawha, u llum dan qaluh lill-President tal-Kunsill Ewropew - li lejh jien grat ħafna li ġie Strasburgu dalgħodu.

Tistgħu tgħidu li tridu dwar il-Prim Ministru Ingliż, iżda hu ċertament ma jibżax jaqbad il-barri minn qrunu!

Nixtieqkom jekk ma jimpurtax tħalluni nagħmel numru ta' rimarki li jistgħu jgħinu jiddefinixxu ftehim li jkun aċċettabbli għal kulħadd.

*Baġit u proġett*

Bħal ma intom tafu tajjeb, baġit huwa riflessjoni ta' figuri ta' proġett politiku. U iva, xi pajjiżi se jagħmlu profitt limitat f'termini baġitarji, iżda huma jistgħu wkoll jitilfu ħafna f'dak li jirrigwarda l-proġett politiku ta' l-Unjoni .

*Koeżjoni*
Wieħed mill-pilastri ta' dan il-proġett huwa l-koeżjoni bejn l-Istati Membri.

Din mhix xi tip ta' mossa arbitrarja għall-karità, iżda obbligazzjoni minquxa fit-Trattat ta' Maastricht.

Għall-Istati Membri ġodda, din tinsab fit-trattati tas-sħubija.

L-esperjenza turi li l-koeżjoni ta' terminu medju tgħodd għal kulħadd, u mhux biss il-benefiċjarji tal-Fond ta' Koeżjoni.

Minkejja dan, hija l-koeżjoni li qed tkun issaggrifikata fuq l-altar tal-proposta li qegħdin tiddiskutu.

Il-Parlament irrifjuta l-ewwel proposta tal-Presidenza preċiżament għaliex fiha nuqqas ta' solidarjetà.

u t-tieni proposta hija mgħarrqa bl-istess difett.

*Koeżjoni u Koerenza*

Tabilħaqq, mhux biss tissagrifika l-koeżjoni bħala prinċipju politiku, iżda wkoll tnaqqas il-koerenza tal-baġit, minħabba r-riżors addizzjonali li hija tagħti għall-koeżjoni huma mqassma fuq il-bażi ta' kriterji arbitrarji bl-iskop li toffri xi inċentivi żgħar lil ċerti Stati Membri.

Dan jirriżulta fl-iċken denominatur komuni li jipprova jissodisfa talbiet individwali differenti ħafna minn xulxin għall-ispejjeż tal-koerenza ġenerali

Il-Parlament qed jitlob mingħandkom bħala membri tal-Kunsill li tonoraw il-ftehimiet milħuqa ma' l-Istati Membri ġodda u tiżguraw li l-istess regoli japplikaw għal kulħadd.

Jekk le, nistgħu nsibu li tkabbir ma jħallix ir-riżultati mintennija minn kulħadd.

Il-Parlament qed jitlob lill-Istati Membri li sa issa bbenefikaw minn koeżjoni biex ikomplu jiddefendu dak il-prinċipju, anke jekk issa se jkun ħaddieħor li jibbenefika u biex ma jiffukawx biss fuq min baqa' biex jibbenifika.

L-Istati Membri l-oħra jeħtieġ jiftakru l-benefiċċji li ġabilhom l-iżvilupp ta' l-Istati Membri inqas avvanzati għal dak li għandu x'jaqsam maż-żieda fid-domanda u fil-kummerċ.

*Tibdil fir-Regoli*

Il-Parlament mhux se jaċċetta politika ta' koeżjoni waħda għall-Istati Membri l-ġodda u oħra għall-Membri ta' qabel.

Għandha tittieħed attenzjoni kbira fit-tibdiliet tar-regoli proposti mill-Presidenza sabiex l-Istati Membri l-ġodda jaċċettaw it-tnaqqis propost.

L-ewwelnett, il-tibdiliet għandhom ikunu adottati b'kodeċiżjoni mal-Parlament. Għalhekk mhux biżżejjed illi l-Presidenza tal-Kunsill sempliċiment tipproponihom.

Nixtieq ukoll infakkarkom li l-Proposta tal-Presidenza tinkludi l-adozzjoni b'kodeċiżjoni ta' 45 test leġiżlattiv.

It-tieninett, mhuwiex possibbli li jibdlu il-politiki tal-Komunità fi trasferimenti li għandhom ikunu magħmula mill-Istati Membri kif jarawhom xierqa. Il-Parlament jaqsam it-tħassib tal-Kummissjoni dwar dawn il-proposti.

*Baġit minimalista u bilanċi netti*

Ir-riżultati veri tad-dibattitu fil-Kunsill huma għalhekk kif ġej:

- għar-riżorsi ġenerali, ġirja 'l isfel li tagħti l-impressjoni li l-aħjar baġit huwa dak li jikkonsisti fl-akbar tnaqqis fl-infiq;

- l-idea li l-bilanċ nett ta' kull pajjiż għandu jkun l-uniku kriterju li jkejjel is-suċċess jew il-fallimemt fin-negozjati.

Ma nistgħux inkomplu hekk.

Fid-diskussjonijiet tagħkom, ħadd ma jara l-Ewropa bħala soluzzjoni iżda bħala problema. U minħabba li tidher bħala problema, l-iskop tagħha għal azzjoni għandu jkun ristrett biex inaqqas mill-baġit tagħha.

Madanakollu l-aħjar baġit mhuwiex l-iżgħar wieħed, iżda dak li jagħmel possibbli li l-inizjattivi mressqa jkunu milħuqa bl-aktar mod effettiv possibbli.

Dalgħodu, bi qbil mal-Kunsill, il-PE addotta l-baġit 2006.

Dan il-baġit jaħseb għal riżorsi li jammontaw għal 1.09% tal-PGD għall-25 Stati Membri.

Madanakollu, bejn l-2007 u l-2013 - għal 27 Stati Membri - il-livell medju tar-riżorsi li issa qed tikkunsidraw se jkun ta' 1.03%.

Taħsbu li dan se jkun approċċ realistiku?

Dak li qed tipproponu intom huwa li jinżamm l-istatus quo sakemm ikun possibbli li nidħlu għal proposti fil-fond, iżda dan ikun pass kbir lura.

Barra minn hekk, kull darba li tiltaqgħu - bħal f'Hampton Court - tipproponu li l-UE għandha tieħu inizjattivi ġodda u tidħol f'oqsma ġodda ta' azzjoni, fil-politiki interni tagħha u fl-irwol tagħha bħala kompetitur globali.

Għaliex ir-riżultat ta' dan , minkejja kull retorika tal-ħerqa ta' kulħadd għall-Ewropa, inaqqas is-saħħa ta' dan il-proġett.

Intom tadottaw ftehimiet li tibdew tiddubitaw minnhom meta jkunu għandhom friski; intom taċċettaw impenji li ma tistgħux tonoraw.

Wieħed ma jistax ikompli jkabbar il-kontenitur filwaqt li jnaqqas il-kontenut,

Dan kollu, nirrepeti, inaqqas ir-reputazzjoni tal-proġett Ewropew.

L-argument tal-bilanċ nett jimxi fuq loġika perversa li jeqred totalment l-ispirtu tal-Komunità u jagħmel l-Ewropa tidher bħala xi ħaġa li tiswa wisq jew li ma trendix biżżejjed.

Ma għandkomx tkunu sorpriżi li l-affarijiet jispiċċaw kif jispiċċaw.

Mhuwiex possibbli li kulhadd itejjeb il-bilanċ nett tiegħu fl-istess ħin.

Matematikament, dan mhux possibbli li jsir.

Biż-żieda dejjem akbar ta' Stati Membri u biż-żieda dejjem akbar ta' interessi differenti, meta kulħadd qed jipprova jtejjeb ir-relazzjoni tiegħu ma' l-Unjoni bl-aktar sens dejjaq ta' kontabilità u bl-unanimità bħala n-norma fit-teħid ta' deċiżjonijiet, żgur li ma tkunx ħaġa ta' skantament jekk insibu li qed isir dejjem aktar diffiċli li nilħqu ftehim jew li s-soluzzjonijiet li noħorġu bihom jirriżultaw li huma taħlita ta' interessi nazzjonali li jixbhu inqas u inqas proġett koerenti.

*Il-valur miżjud Ewropew*

Jekk naħsbu b'dan il-mod, inkunu qed ninjoraw il-benefiċċji tas-sħubija fl-Unjoni: il-ħolqien ta' miljuni ta' postijiet tax-xogħol bis-saħħa tas-suq intern, iż-żieda konsiderevoli fil-kummerċ intrakomunitarju, il-pożizzjoni ta' l-Unjoni Ewropea bħala l-ikbar qawwa kummerċjali fid-dinja, eċċ.

Anke jekk ma rridux naħsbu fuq livell ta' komunità politika, għandna għallinqas naħsbu fuq livell ta' benefiċċji ġenerali!

Id-dibattitu dwar il-baġit ma jistax jibqa' jitqies bħala logħba kompetittiva, fejn xi ħadd jirbaħ u l-ieħor jitlef.

Hekk inkunu qed niċħdu l-eżistenza tal-valur miżjud Ewropew.

X'inhu l-iskop tal-baġit ta' l-UE? Jeżisti biex jipprovdi fondi għal politika li nemmnu li tkun iktar effettiva jekk tiġi applikata b'mod kollettiv, milli minn kull Stat Membru b'mod separat fuq livell nazzjonali. Fi kliem ieħor, biex jagħti l-valur miżjud Ewropew lil din il-politika.

Jekk inħarsu b'dan il-mod, ma jagħmilx sens li ngħidu lill-pubbliku fil-pajjiżi tagħna, jum wara l-ieħor, li l-Ewropa għandha dejjem tkompli tikber, sabiex tinnewtralizza l-effetti negattivi tal-globalizzazzjoni u biex tiżviluppa politika komuni ta' riċerka, innovazzjoni u affarjiet oħra, jekk ma npoġġux ir-riżorsi meħtieġa fil-baġit.

*Dħul u nfiq*

F'kull dibattitu dwar il-Baġit, ma nistgħux naħarbu l-kwistjoni ta' dħul u nfiq.

*Id-Dħul*

Kif tafu, il-Parlament m'għandu l-ebda poter fuq id-dħul.

Din hija anomalija demokratika li tista' tiġi spjegata biss skond l-istorja speċifika tal-integrazzjoni ta' l-UE.

Xi darba rridu naraw x'se nagħmlu dwar din il-problema, imma żgur li mhux illejla.

Iżda hija preċiżament din is-sitwazzjoni li tagħti r-riħ lill-kritiċi li jpinġu l-PE bħala istituzzjoni li hija irresponsabbli dwar l-infiq għax m'għandhiex għalfejn tiġbor taxxi.

Hawn irrid niċċara żewġ punti:

1. Il-Parlament dejjem wera iktar moderazzjoni dwar żieda fl-infiq fl-oqsma fejn għandu l-poter li jieħu deċiżjoni milli wera l-Kunsill waħdu.

2. Xi darba l-politika ta' l-UE dwar id-dħul trid tiġi riveduta sabiex kull Stat Membru jikkontribwixxi b'mod ċar proporzjonalment skond il-prodott domestiku gross (GDP) per kapita tiegħu.

Din tagħtina l-possibiltà li nkejlu l-impatt tal-politika dwar l-infiq fuq livell ta' ridistribuzzjoni, fi kliem ieħor, fuq livell ta' koeżjoni.

Hekk inkunu nistgħu wkoll inkunu iktar oġġettivi u razzjonali dwar kwistjonijiet bħall-politika agrikola jew ir-rifużjoni li jgawdi r-Renju Unit.

*Ir-rifużjoni tar-Renju Unit*

Dwar din il-kwistjoni, li taqa' taħt il-politika tad-dħul, il-Parlament m'għandux setgħa u għalhekk ma tantx għandu xi jgħid.

Iżda ma nixtiqx nevita din il-kwistjoni tant taħraq.

Il-Parlament jemmen li r-riforma tal-Politika Agrikola Komuni mhijiex il-bażi għall-ħtieġa li tiġi riveduta r-refużjoni li jgawdi r-Renju Unit, li hija riżultat ta' kundizzjonijiet ferm differenti minn dawk tal-lum.

Ir-raġunijiet li għalihom hemm bżonn li nagħmlu bidliet fit-tnaqqis .... kontribuzzjoni lill-baġit ta' l-UE huma t-tkabbir ta' l-UE u t-titjib viżibbli fl-ekonomija tar-Renju Unit, li dwaru wieħed għandu jfaħħar lis-Sur Blair.

Ilkoll kemm aħna għandna nagħmlu l-isforzi neċessarji biex niffinanzjaw l-ispejjeż tat-tkabbir sakemm dan jibda jiġġenera benefiċċji għal kulħadd - fuq kollox għal dawk li l-aktar kienu favur tiegħu.

Billi t-tkabbir huwa fattur permanenti, hemm bżonn li nagħmlu bidliet permanenti fir-rifużjoni favur ir-Renju Unit, mhux biss bidliet temporarji jew eċċezzjonali li jibqgħu isostnu r-raġuni fundamentali tas-sistema.

## *L-Infiq*

*Riżorsi ġenerali*

Il-proposta li se tiddiskutu, u li l-PE ma jaċċettax, hija proposta għal 'mini-Ewropa' fuq livell ta' ambizzjoni, u mhix kompatibbli ma' 'maksi-Ewropa' fuq livell ta' territorju ġeografiku.

Ma jistax ikollna "set-up" ta' l-UE dejjem iżgħar għal numru dejjem ikbar ta' Ewropej.

Kif qal is-Sur BARROSO fl-ittra tiegħu, dan il-baġit mhux kompatibbli ma' Ewropa moderna, dinamika, miftuħa, koeżiva, sostenibbli u ġusta.

L-aħħar ftehima li hemm bżonn li tintlaħaq, l-ewwelnett fostkom stess u mbagħad mal-Kummissjoni u mal-Parlament Ewropew, titlob żieda sinifikanti fil-volum ġenerali ta' riżorsi allokati għall-forzi essenzjali li huma l-iżvilupp u x-xogħol.

*Infiq għall-agrikultura*

Il-PE lanqas m'għandu l-aħħar kelma dwar dan, imma ħalluni nfakkarkom li fl-2002 intom iddeċidejtu li tirriformaw il-Politika Agrikola Komuni b'mod li tnaqqsu l-ispejjeż relatati mas-suq b'10 fil-mija sal-2013. L-effetti tar-riforma tal-Politika Agrikola Komuni li intom kollha qbiltu dwarha fl-2002 diġà jidhru fil-baġit.

Il-karatteristika ċentrali ta' din ir-riforma hija l-promozzjoni ta' l-iżvilupp rurali u huwa preċiżament dan li huwa l-aspett innovattiv tal-politika agrikola.

Iżda l-proposta tal-Presidenza b'mod kurjuż tinkludi tnaqqsi drastiku f'dik il-politika ta' żvilupp rurali, forsi billi huwa magħruf li l-gvernijiet huma inqas sensittivi għal din il-politika li tħares 'il quddiem milli għal dawk li jżommu l-istatus quo.

Barra minn hekk, wieħed għandu joqgħod attent li ma jiġġeneralizzax iżżejjed meta jikkritika l-Politika Agrikola Komuni, kif ukoll li l-liberalizzazzjoni tas-suq ma tibqax tiġi mxandra bħala s-soluzzjoni perfetta għall-pajjiżi kollha l-aktar fqar.

Lejliet il-laqgħa ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, is-Sur Mandelson għadu kif fakkarna dwar dan. Veru li liberalizzazzjoni ġenerali tkun ta' ġid għal pajjiżi kbar bħall-Brażil u l-Arġentina, iżda mhux għal pajjiżi fl-Afrika li huma magħquda ma' l-Unjoni permezz ta' ftehimiet preferenzjali. Ejja ma nissagrifikawhomx fuq l-altar tal-liberalizzazzjoni.

*Reviżjoni f'nofs il-perjodu*

Il-PE jista' jkun f'qagħda li jendorsja l-proposta għal reviżjoni li ssir f'nofs il-perjodu tal-perspettiva finanzjarja, sakemm din tkun tara fil-bogħod u ma jkollhiex prekonċezzjonijiet, u tkun saret b'mod trasparenti u bil-koperazzjoni interistituzzjonali xierqa.

Ilbieraħ l-ebda Membru tal-Parlament Ewropew ma oppona dan l-eżerċizzju ta' reviżjoni.

*Il-ħtieġa ta' ftehim u alternattivi possibli*

Nirrepeti li l-Parlament jixtieq li jintlaqħaq ftehim, imma mhux ftehim kwalunkwe. Mhux wieħed li jista' jwassal għal tilwima interistituzzjonali li tħalli l-UE kemm mingħajr perspettiva finanzjarja kif ukoll bi kriżi ikbar minn dik li diġà għandha f'idejha.

*Alternattivi*

Għal din ir-raġuni ma jaqbilx li wieħed jikkunsidra x'alternattivi jeżistu f'każ li ma jintlaħaqx ftehim dwar il-perspettiva finanzjarja.

Ikun xi jkun l-ammont alternattiv għall-baġit ta' l-2007, se jkun ogħla minn dak ippreżentat fil-proposta Brittanika.

L-ewwel alternattiva: estensjoni, sena wara l-oħra, tal-perspettiva finanzjarja preżenti, taħt id-dispożizzjonijiet tal-ftehim interistituzzjonali.

Approprjazzjonijiet ta' impenn għas-sena 2007 tkun ta' madwar 1.08%.

It-tieni alternattiva: baġit għall-2007.
L-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat (Artikolu 272) jirriżultaw f'baġit ta' 1.11% tal-GDP.

Fi ħdan dan il-qafas annwali, il-Parlament Ewropew jista', mingħajr il-qbil tal-Kunsill, jiddeċiedi fuq infiq mhux obbligatorju.

Kif tistgħu taraw, hemm alternattivi attraenti x'wieħed jikkunsidra, imma l-aħjar ikun li intom tilħqu ftehim li jista' jiġi aċċettat mill-istituzzjonijiet kollha.

Fil-qosor, dak li qed jipproponi l-Parlament Ewropew huwa baġit li permezz tiegħu l-Unjoni Ewropea tkun tista':

- tonora l-impenji magħmula favur l-għaxar Stati Membri ġodda;
- tkompli miexja 'l quddiem fit-twettiq tal-politika strutturali u ambjentali
- tiżviluppa politika li tħares 'il quddiem dwar ir-riċerka u l-iżvilupp u l-aċċess universali għat-tagħlim.

Wara dak kollu li ntqal dwar din il-politika, dan id-draft ma fih xejn ġdid.

Fil-qosor, u biex nikkonkludi, jew se nbaxxu l-livell ta' l-ambizzjonijiet tagħna għall-Ewropa, jew se nipprovdu l-mezzi biex dawn jitwettqu.

Il-Parlament Ewropew huwa istituzzjoni kostruttiva u ta' min jorbot fuqha. Dan deher reċentament permezz tad-direttiva REACH u permezz tan-negozjati mal-Kummissjoni u mal-Kunsill (is-Sur Frattini u s-Sur Clark) li bis-saħħa tagħhom seta' jintlaħaq ftehim dwar iż-żamma tad-dejta fi żmien rekord.

Hemm bżonn li lkoll kemm aħna naħdmu flimkien sabiex l-UE tkompli miexja 'l quddiem.

Grazzi ħafna.